# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**(AĠENT PRESIDENT)**
**ONOR. NOEL CUSCHIERI LL.D.**
**ONOR. ANTHONY ELLUL LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Novembru, 2015**

**Kawża Numru 1**

**Rikors Numru 18/10**

**VALLETTA FREIGHT SERVICES LTD.** (C – 3478)

vs

**DIRETTUR QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI** u Tarros S.p.A. għal kull interess li jista' jkollha; u b'degriet tas-16 ta' Frar 2011, ġie kjamat fil-kawża l-Avukat Ġenerali

## Preliminari

1. Dan huwa appell imressaq fis-17 ta' Diċembru, 2013, mill-kumpannija rikorrenti minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, fis-27 ta' Novembru, 2013, [aktar 'il quddiem imsejħa "s-sentenza appellata"] li permezz tagħha dik il-

qorti qatgħetha li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha skond il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta [aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni"] fir-rigward ta' l-ilment li l-istess kumpannija rikorrenti qajmet dwar ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq fil-kawża fl-ismijiet "*Dottor Renato Cefai għan-nom u in rappreżentanza bħala prokuratur speċjali ta' Tarros International s.p.a. illum magħrufa Tarros s.p.a. vs Valletta Freight Services Limited*"[1];

2. Fir-rikors promotur tagħha l-kumpannija appellanti talbet li, għar-raġunijiet minnha mfissrin, il-Qorti (a) ssib li hija ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq kif imħares bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 6 tal- Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"], billi ġiet imċaħħda mid-dritt li jkollha determinazzjoni minn qorti jew tribunal tad-drittijiet ċivili tagħha u inoltre ġiet imċaħħda mid-dritt li tressaq dawk il-provi in sostenn tal-pretensjonijiet tagħha; (b) tgħaddi sabiex tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni, fosthom li tqiegħedha fil-pożizzjoni li kienet qabel ma ngħata l-provvediment tat-2 ta' Lulju, 2009 u dak tad-29 ta' Jannar 2010; u (ċ) tordna li l-Qorti li quddiemha kienet qiegħda tinstema' l-kawża tistħarreġ u taqta' dwar it-tielet eċċezzjoni tagħha u t-tielet talba rikonvenzjonali mressqin minnha f'dik l-istess kawża;

3. Fir-rikors tal-appell tagħha, u għar-raġunijiet hemm mogħtija, il-kumpannija appellanti qiegħda titlob ir-revoka tas-sentenza appellate fuq żewġ aggravji ewlenin. L-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti sabet li l-kawża li dwarha tqajjem l-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali kienet waħda sempliċi ta' eżegwibilita' f'Malta ta' deċiżjoni arbitrali barranija bi dritt ta' appell, bla ma l-istess Qorti semmiet taħt liema dispożizzjoni tal-liġi kienet waslet għal dik il-fehma. It-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li ċ-ċaħda li titħalla tressaq provi kienet tissarraf fi ksur tal-jedd tagħha li tikkontesta talbiet tal-kumpannija barranija eżekutriċi (il-kumpannija appellata Tarros S.p.A.) li, flimkien mat-talba biex tirrendi eżekuttiv id-deċiżjoni arbitrali, kienet talbet ukoll il-ħlas ta' somom kbar ta' flus li ma kinux tabilħaqq dovuti, u li kien għalhekk li, dwarhom, hija kienet ressqet it-talbiet rikonvenzjonali tagħha f'dik l-istess kawża. Qajmet ukoll argumenti dwar il-mod irregolari li bih tmexxew il-proċeduri arbitrali barra minn Malta;

---

[1] Ċitazz. Nru. 1321/96GCD (maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-3.12.2010)

4. Permezz ta' risposta mressqa fl-10 ta' Jannar 2014 l-appellat Avukat Generali saħaq li, għar-raġunijiet hemm indikati, l-aggravji mqajmin mill-appellanti ma kinux mistħoqqa u għalhekk din il-Qorti jmissha tiċħad l-appell tagħha u tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata;

5. Permezz ta' risposta mressqa fis-27 ta' Jannar 2014 il-kumpannija barranija appellata Tarros S.p.A. [minn issa 'l hemm imsejħa "Tarros"] talbet li, għar-raġunijiet hemm minnha indikati, din il-Qorti tiċħad l-appell tal-kumpannija rikorrenti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha;

6. Permezz ta' risposta mressqa fis-7 ta' Marzu 2014, l-intimat appellat Direttur Qrati Ċivili u Tribunali wkoll tenna li ma kienx hemm raġuni tajba għaliex is-sentenza appellata kellha titħassar u l-appell tal-kumpannija appellanti jkun milqugħ;

7. B'sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 2014, fuq talba mqajma mill-avukati tal-kumpannija appellanti waqt is-smigħ tad-19 ta' Mejju, 2014, ntlaqgħet it-talba għall-astensjoni ta' tnejn mill-membri ta' din il-Qorti. B'surroga li ġġib id-data tas-16 ta' Lulju, 2014, din il-Qorti ġiet kostitwita kif issa komposta;

**Mertu**

8. Fil-qofol tagħha, l-azzjoni tallum tirrigwarda żewġ episodji li ġraw matul is-smigħ ta' kawża bejn Tarros u l-kumpannija appellanti. Dawn iż-żewġ episodji jikkonsistu f'żewġ provvedimenti interlokutorji mogħtijin mill-qorti li quddiemha kienet qiegħda tinstema' dik il-kawża. Il-kumpannija appellanti fetħet dawn il-proċeduri dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq qabel ma kienet ingħatat is-sentenza mill-ewwel Qorti u qabel ma l-kumpannija appellanti nnifisha kienet ressqet l-appell minn dik is-sentenza;

9. Illi jidher xieraq li f'dan ir-rigward, jinġabru f'ordni kronoloġiku xi fatti li jgħinu biex iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-istħarriġ tal-appell jinftehmu aħjar;

10. Illi fl-24 ta' April, 1996, Tarros fetħet kawża kontra l-kumpannija appellanti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex titlob l-eżekuzzjoni

favuriha ta' deċiżjoni arbitrali mogħtija fid-29 ta' Jannar, 1996, mit-Tribunal Marittimu Arbitrali ta' Monaco, f'Montecarlo, li kien qatagħha li l-kumpannija appellanti kellha tagħti lil Tarros minħabba servizzi mogħtijin taħt ftehim ta' aġenzija. Tarros talbet ukoll il-ħlas ta' somma flus – Lm 76,418.28 (jew € 178,006.70 fi flus tal-lum) – bħala l-bilanċ 'kanonizżat' fl-imsemmija deċiżjoni arbitrali, flimkien ma' nofs l-ispejjeż tal-istess arbitraġġ kif deċiż f'dik il-proċedura;

11. Għal dik l-azzjoni, l-kumpannija appellanti laqgħet kemm b'eċċezzjonijiet għat-talbiet (tnejn minnhom preliminari) u kif ukoll b'talba rikonvenzjonali biex id-deċiżjoni arbitrali ma tingħatax għarfien mill-qrati Maltin minħabba li kienet waħda li tmur kontra l-ordni pubbliku u nkisbet bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u kif ukoll b'qerq u korruzzjoni, minbarra li milqut b'ultrapetizzjoni għaliex ta aktar minn dak li ntalab. B'sentenza preliminari mogħtija fl-20 ta' Marzu, 2001, u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-Prim'Awla ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-kumpannija appellanti. Minn dik is-sentenza *in parte* appellat il-kumpannija appellanti quddiem il-Qorti tal-Appell li, b'sentenza tat-3 ta' Novembru, 2006, u għar-raġunijiet hemm dettaljatament imfissra ċaħdet l-appell u bagħtet il-kawża lura lill-ewwel Qorti "għall-kontinwazzjoni skond il-liġi";

12. Waqt smigħ quddiem il-Prim'Awla fl-1 ta' Lulju, 2008, sar verbal mill-partijiet li jgħid li "l-mertu tat-tielet eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta u tat-tielet talba rikonvenzjonali jitratta mertu li ġie trattat u deċiż fil-proċeduri arbitrali ġewwa Monaco". Fid-dawl ta' dak il-verbal, l-avukat difensur ta' Tarros talab li l-Qorti tordna li ma jerġgħux jitressqu fil-kawża provi dwar mertu li diġa' nqata' mid-deċiżjoni arbitrali. L-avukat tal-kumpannija appellanti oppona u saħaq li l-patroċinata tiegħu kellha kull jedd u ħtieġa li tressaq il-provi, l-aktar dawk li jsostnu t-tielet talba rikonvenzjonali tagħha. Fit-2 ta' Lulju, 2009, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat provvediment (sentenza) li bih u għar-raġunijiet hemm imfssra, ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-kumpannija appellanti u wkoll it-tielet talba rikonvenzjonali tagħha;

13. Ħamest ijiem wara l-għoti ta' l-imsemmija sentenza, il-kumpannija appellanti ressqet rikors biex titlob lill-Prim'Awla tħalliha tappella minnha. B'degriet mogħti fid-29 ta' Jannar, 2010, il-Qorti ċaħdet dik it-talba;

14. Dawn huma ż-żewġ provvedimenti li l-kumpannija appellanti fit-22 ta' Frar, 2010, fetħet dwarhom il-kawża tal-lum u li bihom hija tgħid li ġarrbet ksur tal-jedd fundamentali tagħha għal smigħ xieraq. B'degriet mogħti fid-29 ta' April, 2010, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet talba tal-kumpannija appellanti biex tissoprassjedi sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali li kienet fetħet minħabba l-imsemmija żewġ provvedimenti;

15. Sadattant, b'sentenza mogħtija fl-4 ta' Ġunju, 2010, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjonijiet li kien għad fadal u kif ukoll il-bqija tat-talbiet rikonvenzjonali tal-kumpannija appellanti, laqgħet it-talbiet ta' Tarros billi qalet li d-deċiżjoni arbitrali setgħet tkun eżegwita f'Malta u ikkundannat lill-kumpannija appellanti tħallas is-somma 'kanoniżżata' fid-deċiżjoni arbitrali u nofs l-ispejjeż tal-proċess ta' arbitraġġ, flimkien mal-ispejjeż tal-kawża;

16. Il-kumpannija appellanti ressqet appell minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell. Il-kumpannija appellanti nqdiet bl-imsemmi appell biex tappella wkoll mis-sentenza *in parte* tat-2 ta' Lulju, 2009, u mid-degriet tad-29 ta' April, 2010, li bih ċaħdet it-talba għas-soprasessjoni. Ma sar l-ebda appell mid-degriet tad-29 ta' Jannar, 2010. B'sentenza mogħtija fit-3 ta' Diċembru, 2010, il-Qorti tal-Appell, għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-appell tal-kumpannija appellanti f'kull aspett tiegħu;

## Is-Sentenza Appellata

17. Il-Qorti hija tal-fehma li għall-aħjar istruzzjoni tal-appell imressaq xieraq li ġġib is-sentenza kollha appellata mogħtija mill-ewwel Qorti fis-27 ta' Ottubru 2013:

*"1.0. Rat ir-rikors promotur datat it-22 ta' Frar, 2010, fejn is-socjeta` rikorrenti Valletta Freight Services Limited sintetikament esponiet is-segwenti:*

*1.1 Illi tramite l-prokuratur specjali taghha is-socjeta` intimata Tarros s.p.a. intavolat proceduri fil-Prim'Awla tal- Qorti Civili kif indikat fl-istess rikors promotur – Citazzjoni Numru 1321/1996;*

*1.2 Illi fil-procedura riferita fil-paragrafu precedenti s-socjeta` hawn intimata hemm talbet fost l-ohrajn is- segwenti:*

*1.2.1. Illi f'Malta jigi ezegwit il-lodo arbitrali moghti mix-Chambre Arbitrale Maritime de Monaco datat id-29 ta' Jannar, 1996;*

*1.2.2. Illi s-socjeta` rikorrenti Valletta Freight Services Limited tigi kkundannata thallas sitta u sebghin elf, erbgha mija u tmintax-il Lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu, (LM76,418.28), u llum ammontanti ghal mija tmienja u sebghin elf u sitt Ewro u sebghin centezmu, (€178,006.70);*

*1.3. Illi fl-eccezzjonijiet taghha s-socjeta` hawn rikorrenti ipprezentat tlett (3) eccezzjonijiet fosthom, li mhux minnu li ghandha taghti dak l-ammont lis-socjeta` hawn intimata;*

*1.4. Illi di piu`, fl-istess procedura fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2), aktar qabel), ressqet ukoll kontrotalba fejn talbet lill-imsemmija qorti:*

*"tghid illi l-bilanc li ghandha taghti l-konvenuta huwa ta' sitt elef mitejn u wiehed u sebghin Lira u wiehed u disghin centezmu, (Lm6,291.91), u mhux kif jghid il-lodo", (ara fol. 1);*

*1.5 Illi gew decizi l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet tas- socjeta` hawn rikorrenti;*

*1.6. Illi fl-1 ta' Lulju, 2008, ressqet ukoll oggezzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u talbet li s-socjeta` hawn rikorrenti ma thallietx tressaq provi fuq it-tielet (3) eccezzjoni u fuq it-tielet (3) talba fil-kontro-talba;*

*1.7. Illi s-socjeta` rikorrenti f'dik il-procedura fuq indikata oggezzjonat ghat-talba indikata fil-paragrafu precedenti;*

*1.8. Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fuq indikata tat il-provediment taghha fit-2 ta' Lulju, 2009 u ddecidiet li:*

*"Il-kwistjonijiet maqtugha u decizi fil-lodo arbitrali huma maghluqa u ghalxejn tinstema' xhieda dwar il-mertu ta' dawk il-kwistjonijiet", (ara fol 2);*

*1.9. Illi in vista tal-premess l-imsemmija qorti ghaddiet biex:*

*"tichad it-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u tichad ukoll it-tielet kontro-talba. L-ispejjez ta' dan l-episodju ghandha thallashom is-socjeta` konvenuta";*

*1.10. Illi fis-7 ta' Lulju, 2009, is-socjeta` rikorrenti ressqet rikors biex tinghata l-opportunita` tappella min dak il- provediment riferit fil-paragrafu precedenti, li izda gie michud fid-29 ta' Jannar, 2010;*

*1.11. Illi konsegwenza tal-istess is-socjeta` rikorrenti ingiebet f'pozizzjoni fejn ma thallietx iggib provi rigwardanti pretensjoni minnha mressqa li timpingi fuq drittijiet civili li hi ghandha kontra s-socjeta` intimata;*

*1.12. Illi t-talba u l-eccezzjoni mressqa gew michuda mill- qorti fuq riferita minghajr ma stharrget il-mertu tal-istess;*

*1.13. Illi di piu`, l-istess imsemmija qorti minflok ghaddiet biex tiddeciedi dik l-oggezzjoni partikolari senjatament, jekk ghandhiex tisma' provi rigward it-tielet (3) eccezzjoni u kontro-talba, u iddecidiet:*

*1.13.1. Mhux biss li ma tismax xhieda u provi; izda*

*1.13.2. Awtomatikament ghaddiet biex tichad l-istess eccezzjoni u kontro-talba;*

*1.14. Illi ghalhekk is-socjeta` hawn rikorrenti giet hemm imcahhda mid-determinazzjoni tad-drittijiet civili taghha;*

*1.15. Illi b'hekk giet imcahhda minn access effettiv ghal qorti peress li l-pretensjoni taghha fuq riferita ma gietx ezaminata u li di piu` giet ukoll imcahhda milli tressaq provi u sottomissjonijiet fir-rigward bi ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq kif provdut fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u fl- artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*1.16. Illi in vista tal-premess titlob lil din il-qorti:*

*1.16.1. Tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti sofriet vjolazzjoni tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq kif protett fl- artikli minnha citati fir-rikors promotur u indikati fil- paragrafu precedenti billi giet imcahhda mid-dritt li jkollha determinazzjoni minn qorti jew tribunal tad-drittijiet civili taghha u giet imcahhda mid-dritt li tressaq dawk il-provi in sostenn tal-pretensjonijiet taghha;*

*1.16.2. Tghaddi biex taghti dawk ir-rimedji li din il- qorti jidhrilha xierqa u opportuni fosthom li tqieghed lis- socjeta` rikorrenti fil-pozizzjoni li kienet qabel il- provediment tat-2 ta' Lulju, 2009, u tad-29 ta' Jannar, 2010;*

*1.16.3. Tordna ghalhekk li tigi mistharrga u determinata t-tielet eccezzjoni u t-tielet kontro-talba minnha mressqa fil-kawza fuq riferita li ggib in-numru 1321/1996 pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili;*

*1.16.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati;*

*2. Rat in-nota t'astensjoni datata t-2 ta' Marzu, 2010, (ara fol 4);*

*3. Rat l-ordni t'assenjazzjoni datat il-5 ta' Marzu, 2010, (ara fol 5);*

*4.0. Rat ir-risposta tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali datata s-17 ta' Marzu, 2010, li permezz taghha sintetikament wiegeb bil-mod segwenti:*

*4.1. Illi l-gudizzju mhux integru stante li l-atti ma gewx notifikati lill-Avukat Generali skont il-ligi;*

*4.2. Illi ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;*

*4.3. Illi di piu`, il-kawza hi intempestiva stante li ma ezawrietx ir-rimedji ordinarji kollha taghha stante li l-kawza li qed tilmenta minnha ghadha fi stadju ta' Prim'Istanza u ghalhekk ghad m'hemmx decizjoni finali billi hi soggetta ghall-appell, u b'hekk, ir-rimedji kollha ghadhom ma gewx ezawriti;*

*4.4. Illi fil-mertu it-talba mhix fundata peress li l-qorti applikat ligijiet rilevanti u ma gew lezi l-ebda drittijiet tas- socjeta` rikorrenti kif allegat;*

*5.0. Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata Tarros s.p.a. datata l-14 ta' Mejju, 2010, li permezz taghha rrispondiet sintetikament is-segwenti:*

*5.1. Illi ma gietx notifikata bi traduzzjoni tar-rikors promotur u allura, r-rikors mhux validu fil-konfront taghha;*

*5.2. Illi topponi ghat-talba tas-socjeta` rikorrenti u tqisha wahda frivola u vessatorja ghar-ragunijiet segwenti:*

*5.2.1. Illi s-socjeta` rikorrenti ma ezawrietx ir-rimedji ordinarji lilha disponibbli u ghalhekk din il-qorti ghandha taghzel li ma tezercitax il-gurisdizzjoni taghha ai termini tal-artiklu 42 tal-Kostituzzjoni;*

*5.2.2. Illi fit-trattazzjoni tat-tielet (3) eccezzjoni in dizamina l-qorti giet rinfaccata bi provi inammissibbli billi kien evidenti li l-mertu tal-istess eccezzjoni kien gia` gie deciz fil-proceduri ta' arbitragg f'Monaco;*

*5.2.3. Illi essenzjalment il-kawza quddiem il-qorti tirrigwarda l-ezekuzzjoni ta' lodo arbitrali finali u mhux kawza fuq il-meritu;*

*5.2.4. Illi ghalhekk il-kompetenza tal-qorti Maltija hi limitata mill-ligi biex tordna l-esekuzzjoni tal-lodo arbitrali u hi prekluza milli tiftah il-mertu tal-proceduri arbitrali li gia` instemghu u gew decizi;*

*5.2.5. Illi fil-provediment tal-qorti in dizamina hu proprju dan li s-socjeta` rikorrenti giet vjetata milli taghmel;*

*5.2.6. Illi ghalhekk mhux permess li jergghu jinfethu proceduri Malta wara li l-mertu gia` gie ezawrijentement u finalment deciz minn qorti kompetenti estera;*

*6. Rat id-digriet taghha diversmaent preseduta datat is-16 ta' Frar, 2011, li permzz tieghu, fuq talba tas-socjeta` rikorrenti datata s-17 ta' Novembru, 2010, ordnat il- kjamata in kawza tal-Avukat Generali, (ara fol 31);*

*7.0. Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata l-1 ta' Marzu, 2011, li permezz tieghu irrisponda sintetikament bil-mod segwenti:*

*7.1. Illi qed jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-qorti;*

*7.2. Illi inoltre irrizerva d-dritt li jintavola r-risposta tieghu sa seduta ulterjuri, (ara fol 39 u ripetuta a fol 41 fejn hi datata l-21 ta' Marzu, 2011);*

*8.0. Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata wkoll il-21 ta' Marzu, 2011, li sintetikament espona s-segwenti:*

*8.1. Illi r-rikors promotur hu tentattiv biex il-Prim'Awla taghmilha ta' qorti tal-appell – haga li dejjem giet ikkundannata mill-Qorti Ewropea;*

*8.2. Illi dan hu tentattiv biex is-socjeta` rikorrenti ma thallasx dak minnha dovut b'decizjoni ta' arbitragg esteru;*

*8.3. Illi ma sehh l-ebda vjolazzjoni tal-artiklu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea;*

*8.4. Illi s-smiegh li kellha s-socjeta` rikorrenti kien wiehed xieraq u ma gewx lezi d-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti;*

*8.5. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;*

*9. Rat id-digriet taghha datat l-14 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu, fuq talba tal-partijiet, awtorizzat li t- trattazzjoni tal-kawza ssir fil-modalita` hemm indikata, (ara fol 92);*

*10. Ezaminat id-dokumenti esebiti inkluz l-affidavitijiet prodotti, (ara fol 52 u 58);*

*11. Rat is-sottomissjonijiet skritti prodotti;*

*12. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;*

*13. Tirrileva li s-socjeta` rikorrenti naqset li tottempora ruhha mat-terminu tad-digriet tal-14 ta' Novembru, 2012, (ara fol 92);*

*Ikkunsidrat:*

*14.0. Illi l-vertenza odjerna tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:*

*14.1. Illi s-socjeta` rikorrenti qed tipprova timpunja zewg (2) provedimenti ta' din il-qorti diversament preseduta fi procedura li ggib in-numru 1321/96, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel), liema provedimenti huma datati t-2 ta' Lulju, 2009, u d-29 ta' Jannar, 2010, rispettivament;*

*14.2. Illi c-citazzjoni riferita fil-paragrafu precedneti bin-numru hemm indikat hi procedura specjali li permezz taghha tigi enforzata f'Malta decizjoni ta' qorti jew tribunal esteru Membru tal-Unjoni Ewropea – f'dan il-kaz decizjoni t'arbitragg minn Monaco;*

*14.3. Illi kull ma jrid isir fil-procedura fuq riferita hu semplicement:*

*14.3.1. Ir-rikonoxximent tat-tribunal de quo;*

*14.3.2. Id-decizjoni legittima tal-istess;*

*14.3.3. Illi t-tribunal hu ta' pajjiz membru tal-Unjoni Ewropea;*

*14.4 Illi sodisfatti r-rekwiziti fuq elenkati l-ebda ezami tal-mertu m'hu permess fil-qorti lokali ta' prim'istanza;*

*14.5. Illi pero` tali ezami tal-mertu hu permess fl- istadju tal-appell;*

*Ikkunsidrat:*

*15. Illi ghalhekk jirrizulta li l-provedimenti mehudin mill- qorti koncernata fit-2 ta' Lulju, 2009, u fid-29 ta' Jannar, 2010, huma konformi mal-ligi u ghalhekk bl-ebda mod ma jista' jinghad li d-drittijiet civili tas-socjeta` rikorrenti kienu b'xi mod lezi jew miksura;*

*16. Illi fi kwalunkwe cirkostanza, jekk l-istess socjeta` rikorrenti ghandha xi ilment fir-rigward din dejjem setghet tressaq l-ilment taghha fl-istadju opportun fl-appell intier tal-procedura in dizamina, li l-provediment tad-29 ta' Jannar, 2010, bl-ebda mod ma intakka;*

*17. Illi ghalhekk hu pacifiku li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fil-procedura odjerna huma intempestivi;*

*DECIDE:*

*18.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti ma tqisx li s-socjeta` rikorrenti ippruvat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li takkolji r-risposti tal- intimati u tal-kjamat in kawza u konsegwentement, a tenur tal-artiklu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:*

*18.1. Tiddikjara li qed tirrifjuta tezercita is-setghat taghha skont dan is-subartiklu stante li hi sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli ghas-socjeta` rikorrenti;*

*18.2. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti Valletta Freight Services Limited.*";

## L-Appell

18. Illi l-kumpannija appellanti ssejjes l-appell tagħha fuq żewġ aggravji. L-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti sabet li l-kawża li dwarha tqajjem l-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali kienet waħda sempliċi ta' eżegwibilita' f'Malta ta' deċiżjoni arbitrali barranija bi dritt ta' appell, bla ma l-istess Qorti semmiet taħt liema dispożizzjoni tal-liġi kienet waslet għal dik il-fehma. It-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li ċ-ċaħda li titħalla tressaq provi kienet tissarraf fi ksur tal-jedd tagħha li tikkontesta talbiet tal-kumpannija barranija eżekutriċi (il-kumpannija appellata Tarros S.p.A.) li, flimkien mat-talba biex tirrendi eżekuttiva d-deċiżjoni arbitrali, kienet talbet ukoll il-ħlas ta' somom kbar ta' flus li ma kinux tabilħaqq dovuti, u li kien għalhekk li, dwarhom, hija kienet ressqet it-talbiet rikonvenzjonali tagħha f'dik l-istess kawża. Qajmet ukoll argumenti dwar il-mod irregolari li bih tmexxew il-proċeduri arbitrali barra minn Malta;

19. Il-Qorti qiegħda tagħmilha ċara li hija sejra tqis biss iż-żewġ aggravji msemmija. L-argument dwar it-tmexxija mhux sewwa tal-proċedura arbitrali f'Monaco mhix sejra titqies f'din l-istanza. Fl-ewwel lok, għaliex tali kwestjoni mkien ma tissemma fir-rikors promotur li bih inbdiet din il-kawża. Fit-tieni lok għaliex l-ilment tal-ksur tal-jedd għas-smigħ xieraq huwa espressament marbut maż-żewġ provvedimenti (tat-2 ta' Lulju, 2009 u tad-29 ta' Jannar, 2010) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u ma' xejn aktar;

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

20. Illi għalkemm il-kawża quddiem l-ewwel Qorti kienet ittrattata fuq il-mertu kollu tagħha u tħalliet għas-sentenza dwar hekk, jidher li s-sentenza appellata (fil-parti dispożittiva tagħha) turi li l-ewwel Qorti għażlet li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha taħt il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni[2], wara li kienet sabet li "ma tqisx li s-soċjeta' rikorrenti ippruvat il-każ tagħha skont il-liġi, u konsegwentement, filwaqt li takkolji r-risposti tal-intimati u tal-kjamati in kawża … tiddikjara

---

[2] Huwa l-każ ukoll li jingħad li jgħodd il-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 ladarba l-appellanti ressqet ilment ukoll dwar allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni

li qed tirrifjuta teżerċita is-setgħat tagħha skont dan is-subartiklu stante li hi sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli għas-soċjeta' rikorrenti";

21. Minn qari tal-atti mressqa quddiem din il-Qorti, joħroġ ċar li l-appell imressaq mill-kumpannija appellanti quddiem din il-Qorti jinvesti wkoll il-mertu tal-ilment u ma jillimita ruħu bl-ebda mod għall-fatt li fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti qatgħetha li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-każ fil-mertu. Strettament, għandu jingħad li meta Qorti tal-ewwel grad f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tistħarreġ l-ilment li jkun – l-aktar meta ssib li l-parti rikorrenti kellha għad-dispożizzjoni tagħha rimedju 'ordinarju' effettiv taħt il-liġi – ikun ifisser li ma tkunx stħarrġet l-ilment minnu nnifsu[3] u, teknikament, ma jingħatax appell jekk mhux biss biex jikkontesta l-eżerċizzju tal-istess diskrezzjoni[4]. Dan jgħodd ukoll jekk kemm-il darba l-Qorti tal-ewwel istanza tkun għaddiet biex tisma' provi mressqa mill-partijiet[5] jew jekk, sabiex tasal għad-diskrezzjoni tagħha jekk tkomplix jew le tisma' l-każ, ikun jeħtiġilha tisma' mqar xi provi[6];

22. F'kull każ u biex il-partijiet ma jiċċaħdux mill-benefiċċju tal-eżami li din il-Qorti ntalbet tagħmel, din il-Qorti sejra tqis l-aggravji tal-kumpannija appellanti fil-mertu xorta waħda;

## *L-ewwel aggravju tal-kumpannija appellanti.*

23. F'dan l-aggravju l-kumpannija appellanti tgħid li l-ewwel Qorti sabet li l-kawża li matulha nqalgħu l-episodji li minnhom seħħ il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha kienet waħda biss ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni arbitrali li ma kenitx teħtieġ is-smigħ ta' provi, u dan qalitu bla ma semmiet id-dispożizzjonijiet tal-liġi li wassluha għal din id-dikjarazzjoni. Minn dan l-aggravju, l-istess kumpannija appellanti tasal f'deduzzjoni li l-ewwel Qorti kellha f'moħħha d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (Komunitarju) 44 tal-2001. Imbagħad minn hemm tinseġ sensiela ta' argumenti biex tgħid li dak ir-Regolament jgħodd għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtijin minn qrati fl-

---

[3] Kost. **13.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Green et vs Avukat Ġenerali et*** § 9
[4] Kost. **29.5.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Grech et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** §§ 21 – 7 fost bosta oħrajn
[5] Kost. **21.3.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Teddy sive Jude Taddeo Refalo et vs L-Avukat Ġenerali*** § 6
[6] Kost. **23.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Brian Vella vs L-Avukat Ġenerali et*** § 14

Unjoni Ewropeja u ma jgħoddx għal deċiżjonijiet arbitrali. Hija mbagħad ittenni li l-ilment tagħha ta' ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq jintrabat maċ-ċaħda (min-naħa tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Numru 1321 tal-1996 fiż-żewġ provvedimenti impunjati) li titħalla tressaq il-provi li dehrilha li kienu meħtieġa biex tipprova l-każ tagħha. Waqt it-trattazzjoni tal-appell, l-għaref difensur tal-appellanti fisser is-sentenza appellata bħala waħda "bbażata fuq loġika żbaljata"[7] u msejsa fuq "silloġiżmu aristoteljan (huwa) mħawwad waħda u sew"[8];

24. Dwar dan l-aggravju, Tarros tisħaq li l-kawża miftuħa minnha kontra l-kumpannija appellanti biex titlob l-eżegwibilita' tad-deċiżjoni arbitrali ma kenitx tqajjem kwestjoni ta' d-determinazzjoni ta' dritt jew obbligi ċivili skond l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, għaliex dawk il-jeddijiet u obbligi kienu maqtugħa u deċiżi fil-proċeduri tal-arbitraġġ fih innifsu. Għalhekk, tgħid li ż-żewġ provvedimenti impunjati mill-kumpannija appellanti ma setgħux jiksru l-jedd tal-appellanti għal smigħ xieraq;

25. Min-naħa tagħhom, kemm ir-Reġistrtur intimat appellat u kif ukoll l-appellat imsejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali jwarrbu l-aggravju tal-appellanti billi jgħidu li l-ewwel Qorti għamlet sewwa li ma twettaqx is-setgħat 'kostituzzjonali' u 'konvenzjonali' tagħha għaliex l-istess kumpannija appellanti kellha u fil-fatt inqdiet b'rimedji ordinarji biex tindirizza l-ilment tal-ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq u li tali ksur irid jitqies fil-qafas tal-proċediment kollu u mhux bit-tnittif ta' episodji 'l hawn u 'l hinn matul is-smigħ ta' kawża;

26. Il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq. Fl-ewwel lok, is-sentenza appellata tgħid ċar u tond li l-ewwel Qorti għażlet li ma twettaqx is-setgħat tagħha għaliex qieset li l-kumpannija appellanti kellha rimedju effettiv quddiem il-qrati li bih setgħet u messha tivventila l-ilment tagħha dwar allegat nuqqas ta' smigħ xieraq. Sa ma ngħatat is-sentenza appellata, kienet ingħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell dwar l-appell tal-kumpannija appellanti fil-mertu tal-kawża miftuħa kontriha minn Tarros u fejn wieħed mill-aggravji mistħarrġa minn dik il-Qorti kienet is-sentenza *in parte* tat-2 ta' Lulju, 2009. Fit-tieni lok, l-identifikazzjoni tan-natura tal-kawża li Tarros fetħet kontra l-kumpannija appellanti fl-1996 ma saritx mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, imma mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza preliminari tal-20 ta' Marzu, 2001 (li reġgħet kienet konfermata

[7] Trattazzjoni 13.10.2014, f'paġ. 188 tal-proċess
[8] *Ibid.* f'paġ. 187

minn sentenza tal-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Novembru, 2006). Minn dawk is-sentenzi l-kumpannija appellanti ma tressaq l-ebda lment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq. Fit-tielet lok, il-fatt li l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, ma semmietx liema dispożizzjoni tal-liġi kellha f'moħħha meta qalet li l-appellanti għandha rimedju effettiv biex tindirizza l-ilment tagħha ma jġibx b'daqshekk li s-sentenza appellata hija monka jew naqset li tqis is-siwi tal-istess ilment. Ma jidhirx li kien hemm għalfejn l-ewwel Qorti tgħid lill-appellanti x'rimedju effettiv kellha, għaliex l-istess kumpannija appellanti kienet diġa' nqdiet bih meta appellat mis-sentenza (u miż-żewġ provvedimenti tat-2 ta' Lulju, 2009, u tad-29 ta' April, 2010) finali tal-kawża mibdija minn Tarros, madwar sentejn qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Ukoll li kieku wieħed kellu jaqbel li r-Regolament 44 tal-2001 ma setax jgħodd għall-każ, dan xejn ma jnaqqas mill-fatt li l-ewwel Qorti kienet qieset li l-kumpannija appellanti kellha rimedji fejjieda għad-dispożizzjoni tagħha biex tingħata rimedju u smigħ xieraq u hija din il-konsiderazzjoni li hija ewlenija biex jitqies is-siwi tal-appell li tressaq quddiem din il-Qorti llum;

27. Il-Qorti hawnhekk ittenni li, kif inhu stabilit, meta wieħed jiġi biex iqis kif japplika l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, iridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu (dak li huwa magħruf bħala "*the 'trial as a whole' approach*"[9]), magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-partijiet li jersqu quddiemha kienu ittrattati u mħarsin mill-istess qorti[10];

28. Meta din il-Qorti tqiegħed is-sentenza tat-2 ta' Lulju, 2009 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u d-degriet tad-29 ta' Jannar, 2010, ta' dik l-istess Qorti fil-qafas tal-prinċipji li għadhom kemm issemmew, għandu jirriżulta li l-imsemmija provvedimenti bl-ebda mod ma kisru l-jedd ta' smigħ xieraq tal-kumpannija appellanti. Mhux hekk biss, imma kienu provvedimenti li ngħataw fid-dawl ta' deċiżjoni li kienet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell sa minn Novembru tal-2006 fejn kienet determinata n-natura tal-proċedimenti b'sentenza li saret ġudikat u torbot lill-istess partijiet fil-kawża. Kien ikun kontradittorju għall-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tagħti provvedimenti mod ieħor, kif trid il-kumpannija appellanti;

[9] Q.E.D.B. **23.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Stanford vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 16757/90) § 24
[10] Ara Kost. **4.8.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.213**)

29. Għaldaqstant, il-Qorti mhijiex tilqa' dan l-aggravju bħala wieħed mistħoqq;

***It-tieni aggravjui tal-kumpannija appellanti.***

30. Kif issemma qabel, dan it-tieni aggravju jgħid li bis-sentenza appellata l-kumpannija appellanti ma ngħatatx il-jedd li tressaq provi biex issostni t-talbiet rikonvenzjonali tagħha u tiddefendi ruħha mill-proċedura li Tarros kienet nediet kontriha fil-kawża miftuħa fl-1996;

31. Illi din il-Qorti ftit li xejn għandha xi żżid dwar dan l-aggravju. Tirrileva li, waqt it-trattazzjoni tal-appell, l-istess difensur tal-appellanti stqarr li "kważi kważi dwar it-tieni talba mhux daqshekk importanti"[11]. Minkejja dan, il-Qorti tqis li l-aggravju taċ-ċaħda tat-tressiq tal-provi ftit li xejn għandu mertu meta wieħed iqis li l-kwestjoni tan-natura tal-kawża miftuħa minn Tarros kontra l-kumpannija appellata fl-1996 kienet ilha determinata mill-Qorti tal-Appell sa minn Novembru tal-2006 b'sentenza li għaddiet in ġudikat;

32. Għalhekk, iż-żewġ provvedimenti li l-kumpannija appellanti ssejjes fuqhom il-każ tagħha kienu kompatibbli ma' dak li kien diġa' ġie deċiż u determinat minn tal-anqas tliet snin qabel mill-Qorti tal-Appell. Dan ukoll kien puntwalizzat mill-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza dwar il-mertu li ngħatat fit-3 ta' Diċembru 2010;

33. Minħabba f'hekk, u wkoll fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru aktar qabel, il-Qorti ma ssibx li dan it-tieni aggravju huwa mistħoqq lanqas;

34. Biex ikun ingħad kollox u għall-kompletezza, il-Qorti tqis ukoll li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tistħarreġ l-ilment tal-kumpannija appellanti kienet waħda tajba u li r-rimedji li hija ikkontemplat bħala disponibbli lill-istess kumpannija appellanti kienu tabilħaqq disponibbli u attwalment intużaw mill-istess appellanti;

35. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn terġa' ttenni r-rassenja ta' prinċipji u elementi li jirregolaw l-użu tad-diskrezzjoni mogħti lil Qorti li

[11] Trattazzjoni 13.10.2014 f'paġ. 187 tal-proċess

quddiemha jitressaq ilment ta' ksur ta' xi jedd fundamentali meta jkun hemm rimedji oħrajn disponibbli lill-parti rikorrenti. Dawn il-prinċipji huma llum mifhuma u mħaddma b'ħarsien kostanti mill-Qrati tagħna[12]. Minbarra dan, din il-Qorti tgħid li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali tagħha kienet ukoll eċċepita minn wieħed mill-intimati u kif ukoll mill-imsejjaħ fil-kawża u għalhekk l-ewwel Qorti kellha kull jedd (u dmir) li tinvesti dik l-eċċezzjoni, għalkemm jidher li hemm il-fehma wkoll li d-diskrezzjoni dwar jekk qorti tagħżilx li twettaq is-setgħat 'kostituzzjonali' tagħha jew le tista' titqajjem mill-istess qorti minn rajha[13];

36. Illi, għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti tasal għall-fehma li l-appell imressaq mill-kumpannija appellanti mis-sentenza tal-ewwel Qorti tas-27 ta' Novembru, 2013, mhuwiex mistħoqq u sejra tiċħdu;

**<u>Decide</u>**

37. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** tal-kumpannija rikorrenti, bl-**ispejjeż taż-żewġ istanzi** kontra tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| **Joseph R. Micallef** | **Noel Cuschieri** | **Anthony Ellul** |
| **Imħallef** | **Imħallef** | **Imħallef** |

**Deputat Registratur**

**mb**

[12] Ara, b'eżempju, Kost. **16.1.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Olena Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs et***

[13] Kost. **30.11.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Easygas Malta Ltd vs Ministru ghar-Riżorsi u Affarijiet Rurali et*** §§ 12 – 13